MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 781/2004

**IL-PULIIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**VS**

**VICTOR DEGABRIELE**
**CLINT SCERRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Victor Degabriele, ta’ 20 sena, bin Peter u Marianna nee’ Camilleri, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-1 ta’ Frar, 1984, residenti fil-fond numru 80, Triq San Frangisk, Bormla detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 191384(M);
U Clint Scerri ta’ 22 sena, bin Anthony u Lucrezia nee’ Gauci, imwieled Tal-Pieta’ nhar id-29 ta’ April, 1982, residenti fil-fond St Mary Flats, Flat 2, Triq San Pawl,

Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 283982(M);

Akkuzati talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Settembru, 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) Iffalsifikaw biljetti tal-flus, u kif ukoll mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus maltin, meta kienu jafu li huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom biljetti tal-flus maltin falsifikati meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz mnin obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet obbligi jew helsien falz minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minn mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 183, u 194 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifik foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq

haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ anqas minn Lm100.00 (mitt lira maltin) ghad-dannu ta’ Paul & Rocco Servie Station, diversi pompi tal-petrol u sidien tal-petrol stations ohra, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom Paul & Rocco Service Station tal-Marsa u pompi ohra, ghad-dannu tas-sidien tal-istess pompi u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 263, 269, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) U fl-ahharnett talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 18, 183, 184, 308, 309, 310, 263, 269, 270, 334, 31, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija imputati hatja, u ghaldaqstant tordna li jitqieghdu taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin,

ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Din il-Qorti tordna wkoll lill-imputati ihallsu s-somma t'a sitta u sebghin lira maltin (Lm76.00) bhala danni sofferti minn Paul & Rocco fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta
Fl-ahharnett tordna wkoll lill-imputati jhallsu s-somma ta' erbgha u ghoxrin lira maltin u dsatax-il centezmu (Lm24.19), bhala spejjez peritali, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------